MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Numru.

PULIZIJA
SPETTUR KEVIN ELLUL BONICI
VS
VLADIMIR YEVGENEVICH PLOTNIKOV
BORIS VLADIMIROVICH ONOPRIENKO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Vladimir Yevgenevich Plotnikov ta’ 45 sena, bin Yevgeny u Nina nee Borosdenko, imwieled Volgograd Russia fit-22 t’Ottubru 1953 u li joqghod Flat 8, Block A, Highrise Apts, Triq l-Imradd, Ta’ Xbiex passaport Russu nru 43-0027422 mahrug Volgograd fit-2 t’April 1996 u boris Vladimirovich Onoprienko ta’ 43 sena, bin Vladimir u Antonina nee Kuznetsova imwieled Volgograd fil-5 ta’ Mejju 1953 u li joqghod flat 4, Block A, Highrise Apts, Triq l-Imradd, Ta Xbiex passaport Russu nru 43-0028435, mahrug Volgograd fid-6 ta’ Mejju 1996 talli f’dawn il-gzejjer, matul

dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahd, ghamlu falsifikazzjonijiet f'atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta bank privat, b'falsifikazzjonijiet jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom fihom ew kellhom jippruvaw, u cioe billi iffalsifikaw il-firem ta' Chris Grech u Adrian Vella fuq diversi skritturi kummercjali, kif wkoll iffialsifikaw korrispondenza tal-Bank of valletta International Ltd u aktar talli ghamlu uzu mill-imsemmija kitba jew skritturi foloz (Art 183 u 184 tal-kap 9)

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi id-diretturi ta' GA Trading u cioe Adrian Vella u Chris Grech ghamlu rapport lill-pulizija fis-sens illi huma kienu jaghmlu business mal-imputati u gie ghal idejhom diversi dokumenti mid-dipartiment tad-Dwana ta' Volgograd Russja illi fuqhom kienu jidhru firem tal-istess Adrian Vella u Chris Grech liema firem pero kienu ffalsifikati. Illi dawn id-dokumenti jinkludu dok A sa I.

Fix-xhieda tieghu Adrian Vella jaghti spjegazzjoni ta' kull dokument, fuq xhiex kien jirrelata u xhed illi fejn fid-dokumenti kien jidher illi kien hemm il-firma tieghu fil-fatt hu qatt ma kien iffirma. Xehed wkoll illi fejn kien jidher il-

firma tal-partner tieghu Chris Grech, jidher illi anke hawn il-firma ma kenitx tieghu.

Illi ghar-rigward ta’ dok KB1 sa 6 dawn kienu jitrattaw korrispondenza bejn il-kumpanija Marineko ghal xi hlas ta’ trasport fuq kompressuri li dwarhom Vella u Grech ma kienu jafu assolutament xejn u din il-kumpanija estera kellha ittra iffirmata minn Adrian Vella fejn iggarantixxa il-pagament. Anke din il-firma kienet wahda falza (ara dok KB7).

Vella xhed illi minhabba l-agir tal-imputati huwa spicca ridott bhala debitur versu hafna kumpaniji u persuni b’obbligi fatti mill-imputati li bihom pero dehru li kellhom jhallsu Vella u Grech. Illi f’dan is-sens il-kwerelanti Vella u Grech kienu bezghana hafna u fil-fatt xehdu illi huma ma setghu qatt jirritornaw lejn ir-Russja bil-kwantita ta’ debiti illi jidhru illihuma dovuti minnhom.

Vella xhed illi htija tal-imputati hu u l-kwerelant Grech gew f’hafna diffikultajiet mad-Dipartiment tad-Dwana ta’ Volgograd il-ghaliex l-imputati kienu jitfghu kollox fuq isem Vella u Grech biex jaharbu mill-obbligi fiskali il-ghaliex hasbu illi huma mhux ser jirritornaw ir-Russja.

Ikkonferma illi dok KB8 u 9 kienu il-firem tieghu pero il-firma li tidher fuq Dok KB10 ma kenitx tieghu kif ma kenitx l-anqas tieghu il-firma fuq dok KB11, 12 u 13. Dawn id-dokumenti kienu juru it-transazzjoni bejn Medling u Mirexoptin, kuntratt fuq eluf ta’ tunellati ta’ suf li dwar dan il-kuntratt ma kien jaf xejn.

Illi ghar-rigward ta’ dok KB14 din kienet kopja ta’ BOVI, dok KB15 ghandha il-firma ta’ Adrian Vella, dwar Dok KB16 ma kienx cert jekk kenitx il-firma tieghu pero ikkonferma illi f’Dok KB18 u 21 kienet il-firma tieghu.

Ghar-rigward ta’ KB20 Adrian Vella jsostni illi l-firma li kienet tidher fuq dan id-dokument ma kenitx il-firma tieghu.

Adrian Vella xehed illi hu u l-imputati kellhom ufficcju wiehed f'Moscow u dana kien sar l-aktar sabiex jiffacilita trasferiment ta' fondi da parti tal-imputati u mhux taghhom. Li kien biss meta beda jitghallem il-lingwa russa li Adrian Vella beda jinduna bl-intricci tal-imputati.

Din ix-xhieda ta' Adrian Vella giet korroborata min Chris Grech li kompla jispjega illi dok KB(a) – (I) kienu gew mghoddija lilhom mid-Dipartiment tad-Dwana Volgograd minn certu Tatiana Kasakova li ghenithom hafna biex jaqbdu tarf tal-problemi kollha li kienu jinsabu fihom.

Illi fl-istqarriji tal-imputati dok KB22, 23 u 24 a fol 53 sa 63. Ma ammettew ghal ebda falsifikazzjoni imputata lilhom u murija id-dokumenti esebiti quddiem din il-Qorti l-imputati fl-istqarrija taghom qalu li ma kienu jafu xejn dwarhom.

Fix-xhieda tal-Ispettur Kevin Ellul Bonici (a fol 64 sa 73) jirrizulta illi il-kwerelanti Grech u Vella bhal diretturi ta' GA International Trading Limited ghamlu rapport illi fuq diversi dokumenti li kellhom f'idejhom jirrizulta illi l-firem allegatament tal-istess kwerelanti kienu fil-fatt foloz u l-kwerelanti indikaw lill-ufficjal prosekutur ghaxar dokumenti (Dok A sa I)

L-ufficjal prosekutur spjega kull dokument x'kien u fuq liema mid-dokumenti kien hemm l-allegat firma falza.

Id-dokumenti kollha esebiti kienu gew kollha forniti lill-pulizija mill-kwerelanti Grech u Vella. L-istess kwerelanti Grech u Vella akkwistaw dawn id-dokumenti minn certu Tatiana Kosnikova li kienet tahdem fil-GA Trading Offices go Volgograd li minn naha taghha irnexxielha iggib dawn il-dokumenti mid-Dipartiment tad-Dwana ta' Volgograd. Infatti a fol 70 tal-process jirrizulta is-segwenti mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur:-
"Dawn (id-dokumenti kollha esebiti minn kwerelanti Vella u Grech) ittiehdu minn certu Tatiana Kosnikova li tahdem fil-GA Trading Offices gewwa Volgograd jew mhiniex sejjer zball, u gabet mill-Customs Department ta' Volgograd. Din ghad irridu ingiebu ix-xhieda fuqha."

Illi din il-Qorti stenniet lill-prosekuzzjoni ghal snin shah biex tressaq u tipproduci lill-istess Tatiana Kosnikova u rappresentanti tal-Customs Department sabiex din il-Qorti ikollha prova primarjament tal-provenjenza ta’ dawn id-dokumenti u b’mod aktar importanti jkollha l-Fizzjali tad-Dwana Russi li jikkonfermaw illi tali dokumenti esebiti gew ippresentati lilhom mill-imputati.

Din ix-xhieda kienet wahda kardinali u essenzjali ghal kaz li l-Qorti kellha quddiemha u minghajrha din il-Qorti ma tistax tasal biex issib ebda htija ghaliex mghandhiex prova tal-kontinwita tal-provenjenza ta’ dawn id-dokumenti u l-awtenticita tal-istess dokumenti.

Illi il-Qorti wara li stenniet l-ittri rogatorji ghal snin twal dawn qatt ma immaterjalizzaw kif l-anqas ma immaterjalizza xi xhud mill-ufficjal tad-dwana ta’ Volgograd jew ix-xhud Tatiana Kosnikova.

Illi ghaldaqstant u minkejja ir-relazzjoni tal-espert tal-Kaligrafija din il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------